**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

9 Leġiżlatura

AGENDA Numru 23

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 23, miżmuma nhar il-Ħamis 8 t' Ottubru, 2020 fil-5.30pm ta' fil-għaxija, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

Mariella Strout — 08 t'Ottubru, 2020
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Daryl Connor — Viċi Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Carlos Zarb — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier

Skużati

Stephen Cremona - Kunsillier

**23.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Ma kienx hemm ittri t'apologija.

**Dikjarazzjoni**

Tressqu żewġ dikjarazzjonijiet mingħand il-Kunsilliera Anne Fenech u Anthony Delia fejn infurmaw lill-Kunsill li huma rriżenjaw minn kunsilliera f'isem il-Partit Nazzjonalista u se iservu bhala kunsilliera ndipendenti. (Dikjarazzjoni mehmuza mal-minuti).

**23.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numri (21)(22)**

**Pagna 4 item 21.4**: wara proposta tizdied 'mingħand Kunsillier Mario Salerno'. Tizdied,' Tresqet proposta mingħand il-Kunsilliera Graziella Galea sabiex is-sur Mansueto Zerafa jiġi nominat għal dan il-premju. Il- Kunsillier Paul Bugeja staqsa min hu u x'għamel għal San Pawl il-Baħar.

Wara rigward jiżdied 'din nomina'

Dawn l-emendi approvati.

Tressqet mozzjoni mill-kunsilliera Graziella Galea biex fil-minuti tal-laqgħa 21, item 21.4 jitnizzel l-isem ta' min ressaq il-proposta.

Favur – Kunsilliera Graziella Galea, Anthony Delia, Anne Fenech, Chris Vella Petroni, Ant. Bezzina

Kontra – Sindku Alfred Grima, Viċi Sindku Daryl Connor, Kunsilliera Carlos Zarb, Paul Bugeja, Alfred Bray, Mario Salerno

L-emenda ma ġietx approvata

Il-laqgħa tkompliet

**Pagna 5 item 21.5**; wara Kunsilliera Graziella Galea tiżdied 'lis-Segretarju Ezekuttiv'

**Pagna 5 item 21.5;** wara pagament tiżdied 'mistoqsijiet oħra mill Kunsilliera Graziella Galea ser jiġu imwieġba fil-laqgħa li jmiss'.

Pagna 5 item 21.5; wara Kunsillier Chris Vella Petroni jiżdied 'lis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv'

Pagna 6 Item 21.6; minflok il-kelma stqarrija tinbidel u tinkiteb 'dikjarazjoni'

Paġna 6 Item 21.7; wara l-kelma CSR tal-kumpanja

Pagna 7 item 21.8; wara oġġezzjoni tizdied 'bil-kundizzjoni biex ma jintilifx spazju ta'parkeġġ.

Pagna 8 item 21.10.5; wara pagamenti jiżdied 740. Wara 5000 euro jiżdied plus VAT.

Dawn l-emendi approvati.

Minuti 21 – Ġew approvati kif emendati.

Minuti 22 – Ġew approvati kif imressqa

<u>**23.3 Punti mill-minuti**</u>

**Premju Anzjananita Attiva**

Il-Kunsillier Paul Bugeja filwaqt li rringrazzja lill-Kunsill għan-nomina, ħass li għar-raguni li għadu attiv sew fil-politika ma għandux jaċċetta n-nomina. Għaldaqstant, in-nomina ġiet irtirata. Rigward in-nomina tas-Sur Mansueto Zerafa ma kienx hemm qbil.

**Serq ta' għodda**

Il-Kunsill ġie nfurmat mill-insurance broker li l-għodda fil-vetturi ma kienux koperti mill-polza ta' assigurazzjoni u għalhekk il-klejm ma tistax tintlaqa.

Hemm qbil li tinġieb kwotazzjoni sabiex l-għodda tkun inxurjata.

**Bord ta' Infrastruttura**

Is-Sindku Alfred Grima nforma, li l-Bord ta' l-Infrastruttura ma ltaqax biex jiddiskuti l-proposta dwar xogħolijiet is-Simenta, minħabba mpenji personali tal-Kunsillier Anthony Delia.

**Tender ta'dawl tal-Milied**

Il-Kunsill ġie nfurmat li t-tender għad-dwal tal-Milied inħareġ u kien fuq is-suq

**Kunsillier Anthony Angelo Attard daħal fil-laqgħa fis-6.45pm**

**<u>23.4 Komunikazzjoni mis-Sindku</u>**

**PA 7499/19**

Il-Kunsill ġie nfurmat li għand l-Awtorita ta' l-Ippjanar iddaħlu pjanti ġodda għall-applikazzjoni ta' żvilupp PA 74999/19. Fil-kummenti tiegħu l-perit tal-Kunsill innota illi;

1. L-entratura tal-garaxx issa nbidlet u se tkun aċċessibbli b'lift fi triq Parades. Dan se joħloq problema ta' traffiku meta vettura tigi biex tidhol u oħra tohrog.
2. Il-bieb tal-garaxx fil-livell ta' sit pubblika issa għamluh tieqa. Fejn huwa suspettat li b'sempliciment applikazzjoni ta' minor amendement dan jista jerġa jsir bieb ta' garaxx.
3. Il-faccata li tagħti ghal fuq is-sit pubblika ma hijiex skond il-policy P35. Fejn din dittetta li l-faccata ma tkunx aktar minn 18.6 metri għoli.

Il-Kunsill qabel, li dak elenkat mill-Perit għandu jiġi nkluz fl-oġġezzjoni li jeħtieg li titressaq mill-Kunsill ma' l-Awtorita ta' l-Ippjanar fl-20 ta' Ottubru, 2020

**Riljest għal Telework**

Il- Kunsill irċeva rikjesta minn skrivana biex taħdem għal siegħa u nofs xogħol kuljum **telework**.

Wara li ha l-veduti tas-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill approva r-rikjesta.

**Ittra mingħand l-avukat Amadeus Cachia**

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-avukat Amadeus Cachia rigward l-avviż ta' tneħħija ta' dgħajsa li hi sorġuta fuq il-moll tal-Veċċja, Xemxija. (2/9/2020). Intbagħtet ittra ta' risposta mingħand l-avukat tal-Kunsill.

**Proposta minn TCTC**

Il-Kunsill jisponsorja għall-prezz ta' €2,000 lezzjonijiet ta' l-ECDL. (14/9/2020).
Minħabba ċ-ċirkostanzi prezenti, il-Kunsill ma laqgħax il-proposta. Is-Sindku Alfred Grima informa li din it-tip ta'korrispondenza mhux se tibqa titla quddiem il-Kunsill aktar. Stieden lill-Kunsilliera, li fejn iħossu li hemm ħtiega li jinxtara xi servizz simili jagħmlu rikjesta biex is-suggett jiġi nkluz fl-agenda u b'hekk tinħareg sejħa pubblika jekk jiġi approvat.

**Espressjoni ta'interess Triq Dawret il-Gzejjer**

Il-Kunsill irċieva espressjoni ta' interess biex l-art li tinsab fi Triq Dawret il-Gzejjer qrib il-latrina pubblika ta' taħt il-pjazza tagħddi għand il-privat b'cens. (5/9/2020).
Il-Kunsill qabel li ssir verifikazjoni ma' l-Awtorita ta' l-Artijiet biex isir magħruf jekk l-art inkwistjoni hijiex devoluta lill-kunsill jew le.

**Kuntratt MTA**

Il-Kunsill irċieva reminder mingħand MTA biex jiġi ffirmat il-kuntratt tas-Sub Office li qatt ma ġie ffirmat.

Ġie deciz, li l-MTA tiġi nfurmata li fil-prezent mhux possibbli li l-Kunsill jiffirma xi kuntratt relatat mal-Information Office għar-raguni li fil-prezent qedin isiru xi kjarifiki dwar pusses ta' art fil-viċinanza.

**Rikjest għat-twaqqif ta' Radju**

Saret rikjesta biex il-Kunsill jagħti s-sapport tiegħu permezz ta' ittra għat-twaqqif ta' **Radju Bugibba**. (5/9/2020) Il-Kunsill ma approvax ir-rikjesta mressqa għar-raguni li ma hijiex ta' nteress għall-Kunsill.

**Lifelong Learning courses**

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-lezzjonijiet tal-Lifelong learning se jsiru on-line.

**Wifi4U**

Il-Kunsill ircieva korrispondenza dwar lis-skema Wifi4U fejn l-Unjoni Ewropeja qeda timponi kriterji fil-firxa ta' wifi b'xejn għall-komunita. Fl-ewwel sejħa li saret snin ilu l-kunsill ta' San Pawl il-Baħar kien applika għal skema li l-implimentazzjoni tagħha hi valida sa Jannar 2021. Ġie deciz li dwar din l-iskema jiltaqaw u ifasslu proposta s-Segretarju Ezekuttiv Mariella Strout u l-Kunsilliera Graziella Galea.

**Għaqda Kazini tal-Banda**

Il-Kunsill irċeva korrispondenza mingħand l-Għaqda Każini tal-Banda għamlet rikjesta mal-Kunsill Lokali biex jagħtu appoġġ biex il-Festa Maltija tiġi rikonoxxuta bħala Wirt Kulturali ntanġibbli fil-Lista Rappreżentattiva tal-Umanità tal-UNESCO.

Il-Kunsill qabel li jingħata dan l-appoġġ.

**Rikjest mingħand studenta -SOK**

Il-Kunsill approva rikjesta mressqa mingħand studenta biex hi taghmel esperjenza Systems of Knowledge mal-Kunsill.

**Offerta mis-Soċjeta Muzikali**

Is-Soċjeta Muzikali San Pawl offrew is-sala tal-kazin biex tintuza għall-għoti tal-vaccine ta' l-influenza. Il-Kunsill filwaqt li rringrazzja lis-Soċjeta li għal darba oħra reġgħet għamlet għad-dispozizzjoni tal-kunsill il-propjeta tagħha, jinforma, li għal din is-sena dan is-servizz se jingħata fil-Berġa mill-Gvern Centrali.

**Parkeġġi Riservati -Sajjieda**

Tressqet rikjesta mis-sajjieda biex isiru parkeġġi riservati għalihom fuq il-moll tal-Veċċja, għal titjieb fis-sistema tad-dwalijiet eżistenti kif ukoll biex il-Kunsill jagħmel pressjoni ma l-awtoritajiet biex titranġa s-slipway.

Rigward id-dwalijiet, il-Ministeru konċernat informa lill-Kunsill, li dawn għandhom isiru mill-ġdid sa l-aħħar ta' Novembru 2020. Rigward tranġar tas-slipway l-antika, din tidher li tifforma parti mill-proġett li għandu jsir minn Infrastruttura Malta fl-akkwati. Dwar parkeġġi riservati għas-sajjieda full time, il-Kunsill qabel mal-prinċipju, li jsiru sa massimu ta' erba' parkeġġi riservati fuq il-moll u mhux fi triq, b'ħin limitat ta' mhux aktar minn 12 il-siegħa. Ir-risponsabilita ta' kif u minn ghandu dritt għall-uzu ta' l-istess parkeggi riservati għandha taqa' totalment taħt ir-risponsabilita tad-Dipartiment kkonċernat.

**PA 04718/20**

Il-Kunsill ġie infurmat li l-oġġezzjoni tal-Kunsill għall-applikazzjoni PA 04718/20 iddaħlet wara li kien skada l-perjodu. Dan minħabba li r-risposta tal-Perit waslet il-Kunsill tard.

**Mozzjoni**

Tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Paul Bugeja biex il-kunsill jiddiskuti item 23.6 "Rapporti/jew Approvazzjoni ta' Rapporti" qabel item 23.5. Il-Kunsill qabel.

Il-laqgħa ġiet sospiza sa kemm l-accountant tal-Kunsill għamlet l-ispjegazzjoni tagħha.

**23.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**Mistoqsija**: Il-Kunsillier Chris Vella Petroni staqsa "għaliex f'certu toroq il-kennies jidher li ma jmurx u f'certu toroq fejn suppost immur tlett darbiet fil-gimgha ma jsirx xejn?

**Twegiba:** Ikun ferm apprezzat li f'kazi simili jigu ddentifikati t-toroq inkwistjoni. B'hekk mhux biss tingħata l-attenzjoni kollha necessarja imma ukoll biex isiru l-verifikazzjonijiet tal-każi per se.

**23.6 Rapporti/ jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

**23.6.1 Rapporti Finanzjarji – Q2 & Q3**

Wara spjegazzjoni li saret mill-Accountant tal-Kunsill ż-żewġ rapporti gew approvati hekk kif prezentati.

Qabel il-vot ġew preżentati żewġ dikjarazzjonijiet mill-Kunsilliera Anne Fenech, Graziella Galea, Chris Vella Petroni, Antoinette Bezzina, Anthony Delia, Anthony Angelo Attard, dwar ż-żewġ rapporti. Is-sindku ta ruling fejn qal li d-dikjarazzjoni ma tistax tiġi aċċettata.

Jittieħed vot:

Favur: Sindku Alfred Grima, Vici Sindku Daryl Connor,Kunsilliera Carlos Zarb, Mario Salerno, Paul Bugeja, Alfred Bray.

Astensjonijiet: Kunsilliera Graziella Galea, Chris Vella Petroni, Antoinette Bezzina, Anthony Angelo Attard, Anthony Delia, Anne Marie Fenech

Rapporti għaddew

**23.6.2 Rapport ta' Audited Financial Report 2019**

Wara spjegazzjoni li saret mill-Accountant tal-Kunsill l-Audited Financial Report 2019 ġie approvat hekk kif prezentat

### 23.6.3 Rapport ta' interviews – Supervisor

Ġie ppreżentat rapport ta' intervisti ibbażat applikazzjonijet li kien irċieva il-Kunsill. Min 7 applikazzjonijiet, 6 attendew għal intervista li saret 15/09/20

Il-kunsill approva r-rapport hekk kif imressaq b'mod unanimu u kien hemm qbil illi persuna li ġiet l-ewwel għanda tiġi notifikata.

### 23.6.4 Rapport ta' Intervisti – 2 Operativ Hand

Ġie ppreżentat rapport ta' intervisti ibbażat applikazzjonijet li kien irċieva il-Kunsill. Min 5 applikazzjonijiet, 2 attendew għall-intervista li saret 16/09/20

Il-Kunsill approva r-rapport hekk kif imressaq b'mod unanimu u kien hemm qbil illi persuna li ġiet l-ewwel għanda tiġi nnotifikata. Minħabba li t-tieni applikant ma kienx eliġibli kien hemm qbil għat tieni Operativ Hand toħroġ sejjħa pubblika.

### 23.6.5 Rapport ta' Evalwazzjoni – Tender SPB T 2/2020 Non urban Grass Cutting

Il-Kunsill ġie infurmat li il-Board ta' l-Evalwazzjoni ħass il-ħtieġa li tintalab kjarifika dwar l-għodda li ser tintuza.

Il-Kunsill qabel li dan l-item jerġa jitla' fil-laqgħa li jmiss.

### 23.7 Item: Klejm tat-Traffiku vettura JCB 897 (55/1180/19/J)

Il-każ jitratta ksur ta' windscreen ta' vettura li allegalment tkisser minħabba ħofra. Il-kaz allegament seħħ fil-11 ta' Mejju, 2019, biss, ir-rapport iddaħħal mall-kunsill 6 xhur wara fit-13 ta' Novembru,2019.

Il-Kunsill qabel li jsiru aktar verifiki, b'dan l-item jerġa jitla fil-laqgħa li jmiss.

### 23.8 Klejm tat-Traffiku vettura ACA 877 (55/0455/20/L

Il-kaz jitratta aċċident bil-mutur li allegalment seħħ nhar l-4 ta' Jannar, 2020 fi triq ix-Xitwa kantuniera ma' Triq Sant Antnin ftit qabel nofs il-lejl. Fejn huwa allegat li s-sewwieq skidja konsegwenza ta' żrar u hofra.

Is-Sindku Alfred Grima nforma, li nstab li l-ebda klejm ma saret ma' l-insurance u għal daqstant se jittieħdu l-passi f'dan ir-rigward.

## 23.9 Item: Tqegħid ta' dgħajjes u opri tal-bahar f'xi parti mill-lokalita'

Is-Sindku Alfred Grima qal, li dan is-suġġett tqajjem fid-dawl ta' petizzjoni li tressqet lill-Ministru Ian Borg minn grupp ta' sajjieda li tgħid "li s-sajjieda ta' San Pawl il-Baħar jaħsbu li huwa dritt tagħhom li jtellgħu l-opri tal-baħar fuq art pubblika mill-15 ta' Settembru sal-15 ta' Mejju". Il-Kunsill ġie konxju ta' din l-petizzjoni waqt laqgħa li nzammet fis-16 ta' Settembru 2020 fil-Ministeru għall-Politika Agrarja, Sajd, Drittijiet tal-Annimali.

Il-Kunsill qabel li l-Bord maħtur dwar il-Bye-Law li titratta oċpri tal-baħar għandu iressaq suggerimenti li jgħinu li jiġu ddentifikati liema huma l-akkwati ta' fejn jistgħu jitħallew opri tal-baħar, li jkollom mezz ċar ta' identifikazzjoni, għal kemm zmien kif ukoll min ikollu d-dritt li jagħmel uzu mill-art pubblika. Fejn il-proċedura għanda tkun waħda semplici.

## 23.10 Item: Laqgħat mal-Priministru, mal-Ministru tal-Intern, is-sigurta' Nazzjonali u l-Infurzar tal-Ligi u Uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija.

Bħala punt ta' informazzjoni, is-Sindku Alfred Grima informa li kien mistieden jattendi laqgħa nhar it-3 ta' Settembru 2020, mal-Ministru ta' l-Intern Dr Byron Camilleri li għaliha attenda ukoll l-Onor Prim Ministru Dr Robert Abela kif ukoll l-għola awtoritajiet mill-qasam ta' l-infurzar ta' ligijiet. Il-Kunsill qiegħed ikollu ukoll numru ta' laqgħat mal-Assistent Kummissarju risponsabbli mid-distrett kif ukoll mas-Supretendent. Informa ukoll, li l-Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafa stieden lill-Kunsill għall-laqgħa miegħu fit-23 ta' Ottubru 2020.

## 23.11 Item: Xoghol – Uffiċċju Aministrativ

Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat rapport b'format ta' powerpoint presentation dwar ix-xogħol aministrattiv kurrenti. Il-Kunsilliera f'rimarki tagħhom irringrazjaw lil-ħaddiema kollha ta' xogħol illi jwettqu izda innutaw illi hemm bzonn iktar għajnuna aministrattiva.

Xi kunsilliera sostnew ukoll li kien hemm bzonn li għal ftit zmien ma jittieħdux deċizjonijiet ta' proġetti ġodda ħalli dak li ġie deċiż jitwettaq ħalli ma jkunx hemm ħafna xogħol pendenti.

Kien hemm qbil illi jiġu ingaġġati ħaddiema klerikali sabiex tintlaħaq id-domanda ta'xogħol.

## 23.12 Item: Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti / servizzi

### 23.12.1: Kwotazzjoni Insurance tal-Kunsill

Il-Kunsill ġie nfurmat li kwotazzjoni ta' kumpanija ta' l-insurance ġiet aċċettata.

Din il-kwotazzjoni tkoppri l-istess items bħal ta' qabila izda hija orħos.

Il-Kunsill approva.

### 23.12.2: Skeda ta' Pagamenti

L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata ħajr għal pagament 853a minħabba dak li huwa imnizzel bħala extra works huwa inkluz f'Tender

## 23.13: Aġġornament għall-laqgħa li jmiss , il-Hamis 5 ta' Novembru 2020 fil-5.30pm

____________________ ____________________

Alfred Grima
Sindku

Mariella Strout
Segretarju Ezekuttiv